# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 6 ta' Lulju 2016**

**Rikors Numru: 161/15 CSH**

**Yellow Pages (Malta) Limited (C11814)**

**vs**

**Stephen Debono**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tmienja (8) ta' Gunju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt elef, mitejn u wiehed u sebghin Ewro u disgha u disghin centezmu (€6,271.99) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghal prodotti u servizzi ta' reklamar debitament ipprestati lilu, u li huwa naqas li jhallas minkejja diversi interpellanzi minghajr ebda raguni valida fil-Ligi.

Bl-ispejjez legali kollha, komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 2 ta' Frar 2015, tal-ittri bonarji datati 24 ta' Novembru 2014, 28 ta' April 2015 u 21 ta' Mejju 2015 u

tal-mandati kawtelatorji ta' sekwestru u ta' qbid prezentati kontestwalment kontra l-intimat, li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Stephen Debono pprezentata nhar l-24 ta' Lulju, 2015 fejn eccepixxa:

*"Illi preliminarjament, l-intimat mhuwiex il-legittimu kontradittur stante illi huwa personalment m'ghandux u qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Illi di fatti huwa car li l-esponenti kien dejjem agixxa fil-kwalita' tieghu ta' rapprezentant ta' zewg socjetajiet b'responsabbilta' limitata u senjatament Reactilab Limited (C56095) u Labo-Pharm Ltd (C39816);*

*Illi fil-mertu, l-ebda ammont ma huwa dovut mill-esponenti u dana stante li s-socjeta' rikorrenti ma rrendietx is-servizz kif mitlub, billi fost l-ohrajn injorat il-korrispondenza u r-rikjesti tas-socjetajiet rapprezentati mill-esponenti.*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' Sekwestru u tal-mandat ta' qbid ipprezentati kontestwalment mal-kawza u b'rizerva ghal kull dritt spettanti lill-intimat u lis-socjetajiet minnu rapprezentati."*

Illi fil-11 ta' Novembru, 2015 xehed **Jason Gafa'** ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici. Ix-xhud iddikjara li jokkupa l-kariga ta' COO tas-socjeta' attrici. Sostna illi l-konvenut ilu klijent taghhom mis-sena 2009 u ilhom jiehdu hsieb ir-reklamar tal-kumpaniji tieghu ghal dawn l-ahhar sitt snin. Huwa qal li hemm bilanc li ilu dovut mis-sena 2013 fl-ammont ta' elf, sitt mija u sittax (€1,616) fuq l-*account* maghruf bhala Labopharm u erbat elef, sitt mija u hamsa u hamsin Ewro (€4,655) fuq kont iehor maghruf bhala Reactilab Limited. Spjega illi dawn huma zewg *trade*

*names* separati u ghalhekk il-kontijiet huma separati. Spjega wkoll li dawn iz-zewg *trade names* jidhru b’mod separat u distint minn xulxin fil-*platform* taghhom. Ix-xhud esebixxa zewg *statements of accounts*. Dak li jirrigwarda t-*trade name* Labopharm huwa datat 31 ta’ Lulju 2013 u gie mmarkat bhala Dokument CSH. F’dan id-dokument hemm ukoll *invoice* u *statement of accounts* relattivi. Gie esebit ukoll id-Dokument CSH1 li jirreferi ghall-kont Reactilab Limited u x-xhud spjega li hawn hekk ukoll hemm l-ordni, hemm l-*invoice* u hemm l-i*statement of accounts* datat 31 ta’ Lulju 2013. Mistoqsi mill-Qorti jekk ikkomunikax ma’ Stephen Debono, x-xhud stqarr li filfatt kienu kkomunikaw sabiex jaraw x’kienu l-ilmenti ta’ Debono. Il-konvenut kien ilmenta fuq *artwork* li ma kienx gie approvat fiz-zmien sabiex huma jkunu jistghu imorru ghall-pubblikazzjoni. Iccara li filfatt kien ghamel diversi komuniki mieghu sabiex jippruvaw jittransigu din il-pendenza w sahansitra kien tah diversi dati, pero’ s-Sur Debono qatt ma mar lura w qallu li kien lest jiltaqa’ mieghu u ghaldaqstant dawn il-bilanci ghadhom pendenti.

Skont ix-xhud qatt ma setghu jirratifikaw is-sitwazzjoni ghaliex Debono qatt ma tahom l-opportunita’ jiltaqghu mieghu minkejja li l-istess Sur Debono kien wera x-xewqa li jiltaqa’ maghhom fil-bidu. Cahad dak li gie allegat lilu li effettivament is-Sur Debono xtaq li jiltaqa’ u huma ma ltaqghux mieghu u nel frattemp l-*artwork* gie pubblikat. Ix-xhud kompla li s-Sur Debono kien issuggerixxa data w kien talab li jiltaqghu fi zmien jumejn u fit-tmienja w nofs ta’ filghaxija kien talab li jiltaqa’ mas-superjur tax-xhud, izda dak il-hin dan kellu *commitments* ohrajn. Kompla li ghalkemm kienu tawh dati alternattivi pero’ qatt ma tahom konferma taghhom. Spjega li dan gara wara li kienet gia harget il-pubblikazzjoni.

Ix-xhud ikkonferma li kien qed jikkummenta fuq l-*artwork* taghhom u li qabel ma harget il-pubblikazzjoni huwa kien f’komunikazzjoni diretta kemm mal-konvenut kif

ukoll mas-sinjuri Attard. Qal li kull komunikazzjoni dejjem tigi kkuppjata w spjega li dan kien isir sabiex jilhqu ftehim dwar l-*artwork*.

Fl-ahharnett ipprometta li jezebixxi kopja tal-*artwork* kif gie pubblikat fis-seduta sussegwenti.

Ix-xhud **Jason Gafa'** rega' xehed fis-16 ta' Dicembru, 2015 u esebixxa kopja ta' dokumentazzjoni li effettivament giet ippublikata fil-ktieb taghhom liema dokumentazzjoni giet immarkata komplessivament bhala Dokument JG22. Qal li dawn huma l-kopji kollha tar-reklami varji li kellu l-konvenut maghhom u dan kemm fil-konfront tal-kumpanija Labo-pharm kif ukoll fil-konfront tal-kumpanija Reactilab. Qal li fin-nuqqas ta' verifiki u approvazzjoni tal-klijent u fejn ma jkun hemm l-ebda tibdil ta' daqs tar-reklamar, huma johorgu l-ahhar edizzjonijiet li l-klijent ikun ikkonferma s-sena ta' qabel. Spjega li mill-prezentata tad-dokumenti l-ohrajn, wiehed jinnota li t-tibdiliet mitluba kienu varjazzjonijiet minimi, u ma kien hemm l-ebda varjazzjonijiet fi stampi jew kontenut jew informazzjoni.

Mistoqsi in kontro-ezami jekk hadux in konsiderazzjoni t-tibdil li kien talab il-konvenut, qal illi t-tibdil ma sarx ghaliex ma kienx hemm l-approvazzjoni tal-klijent u ghalhekk kellha tigi pubblikata l-ahhar verzjoni li kienet giet approvata stante li ma kienx hemm tibdil. Qal ukoll li filfatt is-Sur Debono kien ha *advert* addizzjonali, pero' dan ma kienx gie pubblikat peress li ma kien hemm l-ebda bazi fuq xiex tibni dak ir-reklam u ghalhekk il-konvenut kien gie refuz il-valur totali tieghu permezz ta' credit note, li hija wkoll ezebita.

Spjega illi t-*test ranges* li gew mitluba lilhom mill-konvenut ma kinux jirrigwardaw ir-reklamar li effettivament gie ppubblikat, izda dwar it-*text* il-gdid u zied li effettivament dak ir-reklam ma kienx gie ppubblikat. Qal anke li ma kien hemm l-

ebda tibdil fil-kontenut, izda biss fil-*formatting*. Zied jispjega li l-konvenut talab tibdil fuq kull reklam, pero' dejjem fuq kwistjoni ta' formatting u mhux fuq il-kontenut.

Rat in-nota pprezentata mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Novembru, 2015 li permezz taghha gew esebiti s-segwenti dokumenti:

JG(a) sa (g) – email datata 19/8/2013 li biha l-intimat issenjala l-ewwel darba li ried xi tibdiliet.

JG1 – email ohra datata 19/8/2013 li biha l-intimat issenjala li ried xi tibdiliet ohra.

JG2(a) sa (f) – skambju ta' emails bejn Settembru 2013 sa Lulju 2014 sabiex isir inkontru li pero' qatt ma sehh.

JG3 – konferma permezz ta' email li l-intimat ircieva l-abbozzi emendati.

JG4 – konferma ohra permezz ta' email li l-intimat ircieva l-abbozzi emendati.

JG5 – konferma ohra permezz ta' email li l-intimat ircieva l-abbozzi emendati.

JG6 – email datata 16/8/2013 li permezz taghha l-intimat gie avzat illi l-abbozzi setghu jitnizzlu.

JG7 – konferma permezz ta' email li l-intimat ircieva l-ewwel abbozzi.

JG8 – email datata 16/8/2013 li biha s-socjeta' attrici avzat lill-intimat li jekk jibqa' sieket l-abbozzi ser jigu meqjusa bhala konfermati.

JG9 – konferma permezz ta' email datat 12/8/2013 li l-intimat ircieva l-ewwel abbozzi.

JG10 – konferma ohra permezz ta' email datat 12/8/2013 li l-intimat ircieva l-ewwel abbozzi.

JG11 – email datata 12/8/2013 li biha s-socjeta' attrici avzat lill-intimat li l-abbozzi kienu lesti.

JG12 – email datat 3/8/2013 li biha s-socjeta' attrici talbet lill-intimat biex jaghtiha l-artwork.

JG13 – email datat 16/7/13 mis-socjeta' attrici li biha ssuggeriet data ghal inkontru.
JG14 – ittra bonarja datata 24/11/2014 rigward il-kont ta' 'Reactilab'.
JG15 – ittra bonarja datata 24/11/2014 rigward il-kont ta' 'Labopharm'.
JG16(a) sa (c) – ittra ufficjali datata 2/2/2015 rigward il-kont ta' 'Labopharm'.
JG17(a) sa (c) – ittra ufficjali datata 2/2/2015 rigward il-kont ta' 'Reactilab'.
JG18 – ittra bonarja datata 28/4/2015 lill-intimat.
JG19 – l-ahhar avviz datat 21/5/2015 moghti lill-intimat.
JG20 – ittra mill-avukat tal-intimat datata 5/6/2015.

Fis-17 ta' Novembru, 2015 is-socjeta' attrici pprezentat nota ohra li permezz taghha esebiet id-dokument:

JG21 – kopja tat-terms and conditions applikabbli fl-2013 meta saret l-ordni mertu ta' din il-kawza.

Fis-17 ta' Frar, 2016 xehed **il-konvenut Stephen Debono** li ddikjara li huma kienu klijenti ta' Yellow Pages ghal perjodu ta' sentejn jew tlieta qabel ma nqala' l-kaz inkwistjoni. Semma li problema li kien ikollhom fil-passat kienet li r-rapprezentanti tal-Yellow Pages kienu jmorru ghandhom ftit granet qabel id-deadlines taghhom u ghalhekk l-ordni taghhom dejjem saret mghaggla w ta' malajr.

Spjega li d-deadlines tal-Yellow Pages dejjem ikunu ma' Santa Marija, 15 ta' Awwissu u sa dik id-data huma jkunu jridu jaghlqu l-artworks u l-approvals tal-ordnijiet taghhom ghaliex imbaghad johorgu bix-shut down. Spjega li waqt li l-artwork jiehdu hsiebu tal-Yellow Pages, il-printing jigi outsourced. Kompla li allura tal-Yellow Pages kienu jipprovdu l-artwork ghall-approval u wara li jigi approvat mill-klijent jinghata l-approvazzjoni.

Qal li fis-sena 2013 gara l-istess. Dawn marru ghandhom vicin tal-15 ta' Awwissu minkejja li kienu jitolbuhom imorru ghal habta ta' Frar jew ta' Jannar biex ma jhallux il-kwistjoni sal-ahhar. Pero' cio nonostante dejjem kienu jmorru fl-ahhar minuta w kull sena kien jinbidel ir-rapprezentant taghhom. F'dan il-kaz ir-rapprezentant kien Jason Gafa'. Dan kien avvicinahom ghall-ahhar ta' Lulju tas-sena 2013, kien qalilhom li l-edizzjoni li jmiss kienet lesta ghall-pubblikazzjoni u naturalment beda jimbuttahom biex ibieghu l-adverts li kellhom. Naturalment, bhal kull *marketing agency*, beda jhajjarhom u beda jghidilhom li kien hemm il-kompetituri taghhom lesti biex jidhlu fix-xena w naturalment huma kienu jitilfu l-precedenza u jigu iktar lura fil-pagni. Cio' nonostante huma ddecidew li jibqghu ghaddejjin bl-advert taghhom minkejja li gew fl-ahhar minuta tant li filfatt kienu ffirmaw l-agreement u hallsu deposit u dan fil-31 ta' Lulju 2013. Huwa esebixxa kopja ta' dan il-ftehim flimkien ma' dokumenti ohrajn li komplessivament gew mmarkati bhala Dokument CSH. Filfatt f'dik is-sena 2013 kienu ntroducew il-QR code li huwa barcode, huwa squarish u inti tkun tista' bil-mobile tikkepcerja d-data minn fuqu u ghalhekk l-adverts kollha kellhom jigu re arranged sabiex il-barcode in kwistjoni jidhol fl-advert u l-layout tigi accettabli.

L-artwork taghhom kien sar reklami fis-snin ta' qabel u kellhom wkoll artwork gdid u cioe' ta' prodott gdid f'sezzjoni gdida cioe' artwork ta' pre-fabricated building. L-artwork kien jigi preparat mill-Yellow Pages including it-text tieghu. Filfatt kopja ta' din l-artwork tinsab f'karta datata 16th August 2013, it-tielet faccata tad-dokument numru tlieta. L-ewwel darba li marru ghandu bl-artwork relattiva kien dakinhar tas-16 ta' Awwissu 2013 li kien jum il-Gimgha. Jghid li dakinhar kien baghtilhom kmieni fil-gurnata ghal habta tad-disgha ta' filghodu u kien taghhom deadline sa nofsinhar tal-istess jum biex iwiegbu. Dan rigwardanti l-artwork tal-pre-fabricated sheet. Filfatt huma kienu wegbuhom permezz ta' email ta' l-istess jum tas-16 ta' Awwissu 2013 fil-hdax u hames minuti fejn urewhom li m'accettawx l-advert kif

kienet prezentata minnhom u fejn sahansitra kienu talbu xi verifiki fuq din l-istess advert ghaliex ghalihom kienet pastazata. Filfatt giet tidher illi Reactilab kienet a pre-fabricated entity mhux li huma jaghmlu pre-fabricated business u offices. Fil-kopja li huma baghtu lill-Yellow Pages kien hemm kollox indikat fid-dettall fejn m'accettawx. L-artwork l-ohrajn kienu waslu ghandhom fis-16 ta' Awwissu fis-siegha u hdax-il minuta ta' wara nofsinhar. Dakinhar kienet ukoll Friday fejn huma kellhom genn sfrenat biex jaghlqu r-reklami.

Naturalment huma kellhom varji reklami x'jaraw. Jghid li huma ghamlu dan ix-xoghol in extremis ghax hafna nies kienu *on shut down* u huma rrispondewhom il-jum tax-xoghol sussegwenti, kien it-Tnejn 19 ta' Awwissu 2013. Jghid li effettivament huma kienu caqalqu t-text u l-images u ghalhekk huma bghatulu kull kumment fuq kull reklam li m'accettawx. Zbalji kien hemm xi tnejn jew tlieta biss li huma hassew li setghu jghaddu minkejja li ma kienux daqshekk kuntenti. Min naha taghhom pero' ma rcevew xejn. Silenzju perfett. L-ebda komunikazzjoni ta' xejn. Huma ma semghu xejn kompletament u fit-18 ta' Settembru baghtulhom e-mail biex isaqsuhom x'kien gara. Yellow Pages wegbuhom illi r-reklami kienu marru per publication, scrapjaw kollox u pubblikaw dawk li kienu tawhom is-sena ta' qabel u ghalhekk spiccaw li lanqas taw kas il-kummenti li kienu ghamlulhom.

Filfatt ippubblikaw l-adverts skont is-snin precedenti u ghalhekk ma taw kaz xejn mill-emendi taghhom u ghalhekk kienu nehhew ir-reklam kollu tal-prefabricating u kienu huma stess li ddecidew x'kellu jintefa' fil-yellow pages. Huma ndunaw dak li effettivament kien ippubblikat meta rcivew l-ktieb bhan-nies l-ohrajn. Jekk mhux sejjer zball dan wasal ghandhom lejn l-ahhar tas-sena ghaliex l-ewwel jaghmlu kampanja ta' gbir tal-kotba qodma.

Maria d-direttrici l-ohra taghhom kienet insistiet biex tkellem mas-superjur tas-Sur Gafa. Stqarr li effettivament kien hemm appuntament pero' qal li s-superjuri tieghu ma setghux jattendu ghal-laqgha. Imbaghad spiccaw illi kulhadd mar it-triq tieghu u ma tkellmux aktar. Mistoqsi jekk hemmx xi parti mill-ammont mitlub imhallas wiegeb illi iva. Filfatt taht il-kont ta' Reactilab kienu ghamlu pagament ta' € 1,431, receipt number 054232 datat 31 ta' Lulju 2013 li jinsab inserit fid-dokument CSH. Hemm pagament iehor ta' l-istess data taht l-kont Labopharm fl-ammont ta' €1,414 euro, receipt number 054233 u ghalhekk dawn l-ammonti gia mhallsa u ghandhom jitnaqsu zgur mill-ammont mitlub. Huma hassew li m'ghandhomx ihallsu l-bilanc ghaliex effettivament ir-reklam ma sarx skont l-ordni taghhom.

Illi nhar l-4 ta' Mejju 2016 **Stephen Debono** rega' xehed u kkonferma li ma kienu ircevew l-ebda refund dwar id-deposit li kienu ghamlu fuq adverts ta' pre-fabricated buildings. Qal li l-advert ma harigx u lanqas biss gew refuzi dawn il-flejjes u dan kien qed jghidu wara li ghamel il-verifiki tieghu mal-accountant taghhom.

**Maria Attard** prodotta mill-konvenut xehdet fis-6 ta' April, 2016 u ddikjarat li tokkupa l-kariga ta' wahda mid-Diretturi tas-Socjeta' Reactilab. Qalet li bdew jahdmu mas-socjeta' attrici xi sentejn qabel ma gara l-kaz in kwistjoni. Sostniet li l-problemi li kien ikollhom mas-socjeta' attrici kienu li effettivament dawn kienu jitolbuhom ghall-advert taghhom tardivament. Spjegat li sabiex jikkonfermaw il-*booking,* huma kienu jhallsu depozitu u sussegwentement kienu jemendaw l-*artwork*, haga li generalment kienet issir mis-socjeta' attrici. Setghu ukoll izommu l-istess *artwork* tas-sena ta' qabel. Ix-xhud qalet illi d-*deadline* tas-socjeta' attrici kien ikun sal-festa ta' Santa Marija ta' kull sena. Sahqet li huma kienu jitolbu lis-socjeta' attrici biex imorru ghandhom qabel biex ma jhallux ghall-ahhar gimgha biex jikkonfermaw l-ordni, pero' dawn kienu jmorru ghandhom fl-ahhar ftit granet.

Ix-xhud qalet li r-rapprezentant tal-Yellow Pages kien jinbidel minn sena ghal sena, pero' taf li fir-rigward tal-kawza in kwistjoni ir-rapprezentant kien Jason Lee Gafa' u sa fejn taf hi kien mar ghandhom fl-ahhar gimgha ta' Lulju jew fil-bidu ta' Awwissu. Dan kien mar sabiex isir il-process ta' *rebooking* tal-*advert* u kien qalilhom illi dik is-sena kienu ntroducew il-QRQ tal-*artwork.* Ziedet tispjega li dak iz-zmien huma kienu ntroducew *business line* gdid ta' *prefabricated offices* u ghalhekk kienu talbu li jigi nkluz il-QR Code fl-*artwork* li diga kellhom ezistenti u naturalment li joholqu *artwork* gdid fir-rigward ta' *prefabricated offices.* Kompliet li meta jkollok gia *artwork* ezistenti u tkun se zzid mieghu, tkun trid iccaqlaq l-affarijiet gia ezistenti fl-*artwork* sabiex jigu mqeghdin sew sabiex il-*code* jaccettahom.

Hija qalet li x-xoghol in konnessjoni ma' dan l-*artwork* sar ghal darb'ohra mis-socjeta' attrici. Pero' tiftakar li fis-16 ta' Awwissu filghodu kienu rcevew email minghand Jason Lee Gafa' bl-*advert* tal-*prefabricated offices*. Dan filfatt kien talabhom sabiex ituh it-twegiba dwar dan l-*advert* sa nofsinhar, u in effetti huma kienu kkomunikaw mieghu ghal habta tal-hdax ta' filghodu, fejn infurmawh li l-*artwork* li kien gie mibghut lilhom ma kienx accettabli ghal diversi ragunijiet. Mistoqsija jekk semghux xi haga ohra dwar l-*advert* in kwistjoni, wiegbet li ma semghu xejn aktar fuq dan qabel it-18 ta' Settembru. Skont ix-xhud dan l-*advert* ma kienx interessanti, lanqas bhala kreattivita'. Anzi ziedet tghid li filfatt l-*advert* kienu juri lill-kumpanija taghhom *as a prefabricated company* u mhux li l-kumpanija kienet ser taghti servizzi **wkoll** ta' *prefabricated offices*. Hawnhekk sostniet li l-*advert* kien wasal ghandhom fis-16 ta' Awwissu wara nofsinhar u li l-*adverts* kienu datati 16 ta' Awwissu. Qalet li kellhom jaghmlu tibdil fuq kull *advert* u Gafa' talab l-approvazzjoni taghhom. Ghalhekk qalet li filfatt ghall-email mibghut lilhom fis-16 ta' Awissu minn Jason Lee Gafa', huma wegbuh fid-19 ta'Awwissu, cioe' it-Tnejn ta' wara. Kienu qalulu li xtaqu xi tibdiliet fejn kien hemm bzonn u nfurmaw lis-socjeta' attrici bit-tibdiliet li riedu. Ftakret li kienet kitbet fuq kull *advert*. Ix-xhud

giet murija kopja ta' dawn l-*adverts* li jinsabu ezebiti fil-process a fol. 43 et sequitur (renumerat bhala fol 85 et seq) u kkonfermat illi l-kitba li hemm hija l-kitba taghha. In segwitu ghal dan ma rcivew xejn aktar mis-socjeta' attrici u ghalhekk wara certu zmien kienet ikkomunikat maghhom hi peress li kienet taf b'xi *deadlines*. Kienet baghtet *email* lil Jason Lee Gafa' fejn staqsietu x'kien gara w ghaliex ma semghu xejn aktar rigward l-*amendments* li xtaqu. Dan kien wegibha illi l-*artworks* kienu telqu ghaliex il-ktieb kien lahaq telaq ghall-*printing*. Allura staqsietu kif kien mar ghall-*printing* bla ma wriehom l-*amendments* li kienu talbuh, fejn irrispondieha li huma kienu ddecidew minn jeddhom illi jippubblikaw l-*advert* ta' qabel u jeliminaw dak dwar il-*prefabricated office*. Naturalment hi talbet li tiltaqa' mas-superjuri tieghu ghaliex dehrilha li l-affarijiet ma kellhomx jimxu b'dak il-mod, pero' l-laqgha qatt ma saret.

Mistoqsija jekk kinux hallsu xi flus ghal dan l-*advert,* ix-xhud qalet li kienu hallsu meta r-rapprezentant kien mar l-ewwel darba biex huma jikkonfermaw l-ispazju ghar-riklam taghhom, u li effettivament kienu ghamlu zewg depoziti, li huma dawk indikati a fol 54 u 55 tal-process (renumerati bhala fols. 96 u 97).

In kontro-ezami x-xhud qalet li effettivament huma konxji tal-procedura li tadotta s-socjeta' attrici, w li effettivament dejjem imorru tard, izda minkejja li dawn kienu jmorru ghandhom tard huma xorta kienu jaccettaw li jippubblikaw l-*adverts* taghhom. Ikkonfermat li kienu jafu wkoll li d-*deadline* taghhom kienet tkun f'Santa Marija. Ix-xhud sostniet li ma tafx li kien hemm laqgha ntiza bejn Jason Lee Gafa' u rapprezentant taghhhom fis-16 ta' Lulju. Qalet li l-ewwel darba li ltaqghu kien fil-31 ta' Lulju 2013. Regghet iddikjarat li ma kienitx taf bil-laqgha li kellha ssir fis-16 ta' Lulju bejn is-Sur Gafa' u s-Sur Debono, ghalkemm taf li kien sar inkontru lejn l-ahhar ta' Lulju 2013. Qalet li kienu hallsu d-depozitu taghhom fil-31 ta' Lulju 2013. Cahdet pero' illi f'din il-laqgha kien hemm diskussjoni fis-sens li ma kellhomx isiru

xi tibdiliet dwar ir-reklami li kellha tipprovdi s-socjeta' attrici u ghalhekk sotniet li s-Sur Gafa' jghid hazin jekk jghid hekk. Kompliet li fil-31 ta' Lulju kienu ftehmu mas-Sur Gafa' li kellu jsir *artwork* gdid cioe' li *they come up with an artwork for this new line of business* u ziedet tghid li kien hu stess li offrielhom dan is-servizz. Gafa' kien talabhom biex jibghatulu xi ritratti tal-*artwork* pero' huma ma baghtulux ghaliex precedentement kien qalilhom li kien se jipprovdi hu, pero' cahdet li huwa offra li jsibilhom l-*artwork* ghaliex kienu naqsu li jipprovduhulu, anzi sostniet li meta kienu ssottomettew il-konferma taghhom fil-31 ta' Lulju, s-socjeta' attrici offriet li taghmlilhom l-*artwork*. Sussegwentement Gafa' kien talabhom xi materjal u ziedet li ghaliex ma tawhx dan il-materjal sa dakinhar li ried hu, Gafa' qabad u kiteb hu w ghamel kollox fuq inizjattiva tieghu stess. Hawnhekk qalet li Gafa' qatt ma kien tahom jum sakemm kellhom jipprovdulu l-*artwork* u ziedet li lilha ma tahiex *deadline.* Stqarret li ghalkemm huma jafu li effettivament id-*deadline* tas-socjeta' attrici kienet tkun il-15 ta' Awwisu, pero' cio' nonostante dawn qatt ma kienu jmorru ghandhom kmieni. Qalet ukoll li filfatt anke fl-email kien hemm miktub li huma kienu jigbdulhom l-attenzjoni li jmorru tard.

Ix-xhud kompliet tghid li filfatt fis-16 ta' Awwissu 2013, fil-hdax u hames minuti, kienu baghtu email li tinsab ezebita f'dawn l-atti a fol. 52 (renumerata bhala fol. 94), fejn kienu nfurmaw lis-socjeta' attrici illi l-*artworks* mibghuta lilhom ma kinux accettabbli ghar-ragunijiet hemm indikati. Nonostante dan huma qatt ma hadu xi decizjoni li jikkancellaw reklam, izda kienu biss talbu lil Gafa' sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega. Attard qalet li ma tafx jekk id-deposit li hallsu giex rifuz lilhom ghaliex ma tidholx fi kwistjonijiet ta' *accounts*.

Rat illi fis-seduta ta' l-1 ta' Gunju 2016 dehru l-avukati tal-partijiet u rrimettew ruhhom ghall-atti processwali u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok u in linea preliminari l-konvenut eccepixxa li mhux il-legittimu kontradittur stante li hu fil-vesti tieghu personali ma ghandu jaghti xejn u li qatt ma kellu relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghalhekk il-konvenut qieghed iresssaq l-eccezzjoni formali tieghu li ma kellux ikun il-*vocatio in ius* maghzul mis-socjeta` attrici, illi l-intimat jehtieg li jiddemostra, u wkoll jiddizimpenja ruhu bi provi adegwati, illi hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi ghat-talba proposta bl-istanza ghaliex hu personalment ma kien dahal f'ebda rapport negozjali mal-kumpanija attrici ghax il-kontrattazzjoni saret ma' kumpanija tieghu, li taghha hu kien ir-rapprezentant jew mandatarju. (Ara "**Lawrence Formosa *et nomine* -vs- Silvio Felice**", Appell, 6 ta' Ottubru, 1999). Mhux dan biss pero`. Huwa kellu jipprova wkoll illi fil-mument meta sar in-negozju s-socjeta` attrici, li maghha gew pjazzati l-ordnijiet, kienet a konoxxenza tal-fatt illi min pogga l-ordnijiet maghha u min maghha kkonkluda n-negozju kien qieghed f' dak il-mument jagixxi in rapprezentanza tas-socjeta` tieghu.

*"Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellhu jirrileva b' mod car u univoku illi f' dik il-kontrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta` attrici f' dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta*" ("**John Vella *nomine* -vs- Anthony Vella *et***", Appell, 3 ta' Dicembru, 1999);

F'kaz bhal dan l-konvenut ghandu definittivament u konvincevolment jipprova mhux biss li l-ftehim sar ghas-socjeta' gestita minnu imma ukoll li fil-mument meta sar tali ftehim s-socjeta' attrici kienet konsapevoli tal-fatt illi hu kien qed jagixxi in rappresentanza tas-socjeta' tieghu. Dan hu abbandament pacifiku fil-gurisprudenza taghna.

*'Hija haga minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor.' (**Frank Cilia nomine vs Charles Scicluna** deciza mill-Qorti tal-kummerc fis-27 ta;' April 1992 u **Anthony Caruana et vs John Magro et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Otubru 1999.*

Kif rimarkat fid-decisjoni fl-ismijiet '**Joseph Grech vs Domenico Savio sive Savio Spiteri et'** deciza 25 ta Mejju 2001 *'il-prova dokumentarja allura kienet pjenamaent tiggusitfika lill-attur meta dan agixxa kontra l-konvenut personalment u din tkompli tigi imsahha mill-affermazzjoni guramentata tal-istess attur illi sal mument meta pprezenta citazzjoni hu ma kienx konsapevoli tal-fatt illi l-konvenut kien qed jiggestixxi n-negozju bl-isem ta' xi socjeta. Il-qawwa tal-prova skritta kienet tirrikjedi prova ferm aktar valida biex jigi stabilit il-kontra ta' dak li minnha jirrizulta. Certament ma kienx bizzejjed illi l-appellant jafferma dak li kien apparentement maghruf lilu biss u cioe' l-ezistenza tas-socjeta qua gestatrici tan-negozju izda li ma kienx maghruf lil terz fosthom lill-appellant.'*

Japplika ghal dan il-kaz anke din l-osservazzjoni rikapitulata mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fuq imsemmija '**Lawrence Formosa et noe vs Silvo Felice**', deciza 6 ta' Ottubru 1999 fejn gie ritenut:

*'Jispetta lil gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero' wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'ismiha proprju.'*

*Meta dan hu hekk il-kaz dak li ikkontratta f'ismu personali ma jistax sussegwentement isostni li kien bhala fatt qed jikkontratta f'isem haddiehor jew f'isem xi entita guridika separata'* ('**<u>Joseph Chetcuti noe vs Peter Paul Camilleri'</u>** Qorti tal-Appell, deciza 4 ta' Dicembru 1988).

Illi fil-kaz odjern jirizulta li s-socjeta' attrici kienet taf li l-konvenut ma kienx qed jidher fil-vesti tieghu personali izda f'isem il-kumpaniji tieghu. Jirrizulta mix-xhieda li ta Jason Gafa' ghan-nom tas-socjeta' attrici li kien jaf li l-konvenut ma kienx qed jagixxi f'ismu proprju u ex-admisses jghid:-

*"Sostna illi l-konvenut ilu klijent taghhom mis-sena 2009 u ilhom jiehdu hsieb ir-reklamar **<u>tal-kumpaniji tieghu</u>** ghal dawn l-ahhar sitt snin. Huwa qal li hemm bilanc li ilu dovut mis-sena 2013 fl-ammont ta' elf, sitt mija u sittax (€1,616) fuq l-account maghruf bhala Labopharm u erbat elef, sitt mija u hamsa u hamsin Ewro (€4,655) fuq kont iehor maghruf bhala Reactilab Limited*".

Imbaghad ikompli jghid ukoll ex admisses:

*"Gie esebit ukoll id-Dokument CSH1 li jirreferi ghall-kont Reactilab Limited u x-xhud spjega li hawn hekk ukoll hemm l-ordni, hemm l-invoice u hemm l-istatement of accounts datat 31 ta' Lulju 2013".*

In oltre id-dokumentazzjoni esebita a fol. 11 et seq tkompli tikkonferma li s-socjeta' attrici kienet taf li qed tinnegozja ma' socjeta'. Fl-invoice datata 31 ta' Lulju 2013 hdejn l-intestatura 'company name' hemm miktub 'Labo-Pharm', fl-istatement of accounts a fol 12 hemm bhala account name 'Labo-Pharm' gewwa Hal Warda Complex. Kif ukoll fl-invoice datata 31 ta' Lulju 2013 hdejn l-intestatura 'company name' hemm miktub 'Reactilab' u l-istess fl-istatment of accounts a fol. 15.

L-exchange of e-mails saru bejn Maria Attard ghan-nom ta' Reactilab u Jason Leigh Gafa ghan-nom tas-socjeta' attrici, l-adverts huma ukoll indikattivi li l-oggetti li kienu qed jigu reklamati huma ta' socjeta', l-ittra legali li ntbaghtet mis-socjeta' attrici kienet tirreferi ghal Reactilab & Labo-Pharm accounts (fol. 98) oltre l-ircevuti li jinsabu esebiti a fol 96 et seq huma intestati f'isem Reactilab u Labo-Pharm.

Ghalhekk dawn id-dokumenti wahedhom huma indizzji cari li effettivament in-negozju sar bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' Labo-Pharm u Reactilab. Sahansitra fuq l-advertisement order hemm anke indikat mis-socjeta' attrici il-VAT number tas-socjeta' Labo-Pharm u Reactilab (fol 98 u 99).

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost il-Qorti tara li l-eccezzjoni preliminari moghtija mill-konvenut hija gustifikata u ghandha tigi milqugha.

**Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li qieghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut, qieghda tiddikjara li mhux il-legittimu kontradittur tas-socjeta' atttrici u b'hekk qieghda tichad it-talba attrici fil-konfront tieghu u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.**

**L-ispejjez, komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 2 ta' Frar 2015, tal-ittri bonarji datati 24 ta' Novembru 2014, 28 ta' April 2015 u 21 ta' Mejju 2015 u**

**tal-mandati kawtelatorji ta’ sekwestru u ta’ qbid prezentati kontestwalment ghandhom kollha jigu sopportati mis-socjeta’ attrici.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**